MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2003

Numru. 501/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**EMMANUEL GRECH**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Emmanuel Grech bin Giuseppe u Antonia nee Vella imwieled fit-22 ta' Dicembru 1923 u residenti 10A, Triq Tal-Masri, Xaghra, Ghawdex (Karta ta' l-Identita` Nru 2223G) gie imressaq quddiemha akkuzat talli nhar il-Hamis 23 ta' Marzu 2003 ghall-habta ta' 8.00p.m. fi Triq tal-Masri, Xaghra,

1 minghajr ma darab jew sawwat, hedded b'kanna tal-hadid lil Eugenio Sultana mix-Xaghra, Chap 9 Art. 339-1b.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija barra l-piena stabbilita mill-ligi tapplika l-Artiklu 383 tal-Kap 9;

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni cioe` Eugenio Sultana u lill-imputat jixhed minn jeddu;

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 338 (1b) u 383 (1) tal-Kap 9;

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti l-akkuza tinsab pruvata b'mod sodisfacenti u konsegwentement il-Qorti ssib lill-imputat hati u tobbligah li ma jimmolestax u ma jingurjax lil Eugenio Sultana ghall-perjodu ta' sitt xhur taht penali ta' hamsin lira Maltin (Lm50) fin-nuqqas ai termini ta' l-artikolu 383 (1) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------